

Brussell, 12 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8785/25

ENV 317  
ENT 64  
COMPET 350  
IND 136  
SAN 205  
CONSOM 80  
MI 294  
CHIMIE 28  
DELECT 55

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur

data meta waslet: 5 ta' Mejju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: C(2025) 2566 final

---

Suġġett: REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'5.5.2025 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2566 final.

Mehmuż: C(2025) 2566 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.5.2025  
C(2025) 2566 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'5.5.2025**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (“ir-Regolament dwar il-POPs”) jistabbilixxi li l-oġġettiv ta’ dak ir-Regolament huwa li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mill-Pollutanti Organiċi Persistenti (“POPs”) billi fost l-oħrajn jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista’ jkun, jew jirrestrinġi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar il-POPs.

L-aċidu perfluworooottanojku (PFOA, perfluorooctanoic acid), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA ġew elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/784 (“l-entrata tal-PFOA”) b’eżenzjonijiet speċifiċi. L-eżenzjoni speċifika skont il-paragrafu 6 tippermetti l-użu tal-PFOA, tal-imlieh tiegħu u tal-komposti relatati mal-PFOA fil-fowm tat-tifi tan-nar li jintuża biex irażżan il-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien li jieħdu mill-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B) u li huwa diġà installat fis-sistemi, kemm dawk mobbli kif ukoll dawk fissi, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Din l-eżenzjoni tiskadi fl-4 ta’ Lulju 2025.

Xi awtoritajiet u partijiet ikkonċernati kkomunikaw lill-Kummissjoni li ħafna operaturi għandhom diffikultajiet biex jirrispettaw din l-iskadenza. Dan jista’ jkun minħabba raġunijiet differenti, inklużi d-diffikultajiet fil-kejl tal-komposti relatati mal-PFOA fil-fowms u s-sottovalutazzjoni tal-volumi ta’ fowms li fihom il-PFOA. Barra minn hekk, minħabba l-proċessi ta’ restrizzjoni li għaddejjin skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (“REACH”), huwa mistenni li, bħala l-eżitu tagħhom, il-kumpaniji se jkollhom jissostitwixxu l-fowms kollha tat-tifi tan-nar ibbażati fuq il-PFAS b’alternattivi. Estensjoni tal-eżenzjoni tnaqqas ir-riskju li minħabba li ma jkunx hemm biżżejjed żmien, il-kumpaniji jissostitwixxu l-fowms li fihom il-PFOA b’fowms oħra bbażati fuq il-PFAS minflok dawk mingħajr fluworu.

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-eżenzjoni speċifika sat-3 ta’ Diċembru 2025, l-aktar data tard possibbli skont l-eżenzjoni speċifika attwali ta’ 5 snin fil-Konvenzjoni ta’ Stokkolma.

L-entrata tal-PFOA ma tistabbilix limitu speċifiku ta’ Kontaminant fi Traċċi Mhux Intenzjonat (UTC, unintentional trace contaminant) għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA f’fowms tat-tifi tan-nar. Japplikaw il-limiti ġenerali tal-UTC fil-paragrafi 1 u 2. Peress li tali komposti huma rrapportati li huma preżenti bħala kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati f’xi fowms ogħla mil-limiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu tal-UTC għal tali komposti f’fowms tat-tifi tan-nar fl-entrata tal-PFOA għal perjodu ta’ 3 snin.

Meta jitneħħew il-fowms li fihom il-PFOA mis-sistemi tat-tifi tan-nar, anki wara t-tindif, xi wħud minn dawn is-sustanzi jistgħu jibqgħu fis-sistema u jistgħu jikkontaminaw il-fowms il-ġodda li jiġu installati. Imbagħad huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu tal-UTC għall-fowms tat-tifi tan-nar installati wara t-tindif tas-sistema tat-tifi tan-nar biex tiġi evitata l-ħtieġa li l-fowms il-ġodda jiġu sostitwiti minħabba din il-kontaminazzjoni.

Il-paragrafi 3 u 10 tal-entrata tal-PFOA jistabbilixxu obbligu għall-Kummissjoni li tirrieżamina xi limiti tal-UTC għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA. Bħalissa ma hemm l-ebda informazzjoni li tappoġġa bidla f’dawk il-limiti tal-UTC. Meta jitqies li l-Kummissjoni tista’ temenda l-entrata tal-PFOA jekk issir disponibbli informazzjoni ġdida, huwa propost li jitneħħew iż-żewġ klawżoli ta’ rieżami.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

L-esperti nnominati mill-Istati Membri ġew ikkonsultati f'laqgħa tal-grupp ta' esperti rilevanti (il-“grupp ta' esperti tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs”) dwar l-abbozz tal-att delegat u tqiesu l-kummenti. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, ħadu sehem ukoll fid-diskussjonijiet dwar l-emenda tal-elenkar tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 fil-“laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs” u tqiesu l-kummenti.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att, permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku, mit-8 ta' Novembru sas-6 ta' Diċembru 2024 u l-kummenti tqiesu kif ġej.

Xi kummenti kienu qed jappoġġaw il-proposta biex tiġi differita l-iskadenza tal-eżenzjoni speċifika għall-użu tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati fil-fowms tat-tifi tan-nar li jintużaw biex irażżnu l-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien li jieħdu mill-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B) u li huma diġà installati fis-sistemi. Huma kienu qed jappoġġaw ukoll l-introduzzjoni ta' limitu tal-UTC għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fil-fowms tat-tifi tan-nar. Tali bidliet jipprovdu lill-operaturi li għadhom jużaw fowms li fihom dawk is-sustanzi oġġla mil-limitu attwali tal-UTC aktar żmien għas-sostituzzjoni. Fir-rigward tal-limitu tal-UTC propost għall-komposti relatati mal-PFOA f'fowm tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu installat f'taġħmir tat-tifi tan-nar li għadda minn tindif, xi kummenti talbu li jiġi inkluż limitu speċifiku tal-UTC għall-PFOA f'tali fowms tat-tifi tan-nar.

Xi kummenti oħra ma kinux qed jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni għal limiti ġodda tal-UTC, peress li dan iwassal għal esponiment addizzjonali għall-PFOA u minħabba li huma disponibbli tekniki ta' tindif u fowms mingħajr fluworu.

Il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li jingħata aktar żmien għas-sostituzzjoni ta' fowms tat-tifi tan-nar li fihom il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, sabiex l-operaturi jgħaddu għal fowms mingħajr fluworu minflok ma jissostitwuhom b'fowms oħra bbażati fuq il-PFAS. Tali sostituzzjoni teħtieġ aktar ħin peress li l-fowms mingħajr fluworu mhumiex alternattiva ta' sostituzzjoni u s-sistemi tat-tifi tan-nar jeħtieġ li jiġu adattati għall-użu ta' tali fowms. Il-Kummissjoni tqis xieraq ukoll li jiġi stabbilit limitu speċifiku tal-UTC għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA f'fowm tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu installat f'taġħmir tat-tifi tan-nar li jkun għadda minn tindif, biex jiġi evitat li jiġu ġġenerati ammonti kbar ta' skart likwidu jew rimi prematur ta' taġħmir tat-tifi tan-nar.

Xi kummenti kienu qed jipproponu li jiġu definiti l-istandards tat-tindif, li jitnaqqas gradwalment il-limitu propost tal-UTC għall-fowms tat-tifi tan-nar u li tiġi stabbilita klawżola ta' rieżami. Fir-rigward tas-suġġerimenti għad-definizzjoni tal-istandards tat-tindif, bħalissa qed jiġi żviluppat dokument ta' gwida. Il-Kummissjoni ma tqisx li huwa xieraq li l-UTC jitnaqqas gradwalment peress li tali fowms se jiġu sostitwiti maż-żmien b'dawk mingħajr fluworu, b'kont meħud ukoll tar-restrizzjoni li għaddejja skont ir-Regolament REACH. Fir-rigward tar-rieżami, il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-entrata fl-Anness I fi kwalunkwe ħin jekk issir disponibbli informazzjoni rilevanti addizzjonali.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat jimmodifika l-entrata eżistenti għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 sabiex jadattaha għall-progress xjentifiku u tekniku. Il-bażi legali tal-att delegat propost hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.5.2025

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni")<sup>2</sup> u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>3</sup>.
- (2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni hija meħtieġa ttipprojbixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista jew li tiegħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu eliminati l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom, b'kont meħud tal-eżenzjonijiet speċifiċi applikabbli stabbiliti fl-Anness.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/784<sup>4</sup> emenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 biex jinkludi l-aċidu perfluworoottanju (PFOA, perfluorooctanoic acid), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA ("l-entrata tal-PFOA"). Sussegwentement, l-entrata tal-PFOA ġiet emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/115<sup>5</sup> u bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2023/866<sup>6</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2006/507/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2004/259/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/784 tat-8 ta' April 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-elenkar tal-aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA (ĠU L 1881, 15.6.2020, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2020/784/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/784/oj)).

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/115 tas-27 ta' Novembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu

- (4) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 fih eżenzjoni speċifika għall-użu tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fil-fowm tat-tifi tan-nar li jintuża biex irażżan il-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien li jieħdu mill-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B) u li huwa diġà installat fis-sistemi, kemm dawk mobbli kif ukoll dawk fissi, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Din l-eżenzjoni tiskadi fl-4 ta' Lulju 2025. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rrapportaw diffikultajiet għall-operaturi biex jikkonformaw mal-iskadenza. Dan jista' jkun minħabba diffikultajiet fil-kejl tal-komposti relatati mal-PFOA fil-fowms u s-sottovalutazzjoni tal-volumi ta' fowms li fihom komposti relatati mal-PFOA. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni speċifika tiġi estiża sat-3 ta' Diċembru 2025, li hija l-estensjoni massima possibbli skont il-Konvenzjoni.
- (5) Fil-punt 1 tal-entrata tal-PFOA fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-limitu tal-kontaminant fi traċċi mhux intenzjonat (UTC, unintentional trace contaminant) huwa stabbilit għal 0,025 mg/kg għall-PFOA jew għal kwalunkwe wieħed mill-imlieh tiegħu, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet u fl-oġġetti. Fil-punt 2 ta' dik l-entrata, il-limitu tal-UTC huwa stabbilit għal 1 mg/kg għal kwalunkwe kompost relatat mal-PFOA individwali jew kombinament ta' komposti relatati mal-PFOA, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti. Peress li d-data analitika reċenti minn diversi Stati Membri wriet li l-PFOA jew l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA jistgħu jkunu preżenti f'konċentrazzjonijiet oġhla bħala kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati f'fowms tat-tifi tan-nar u konċentrati tal-fowm tat-tifi tan-nar li jintużaw biex irażżnu l-fwar tal-fjuwils likwidi u n-nirien li jieħdu mill-fjuwils likwidi (nirien tal-Klassi B) u li huma diġà installati fis-sistemi, jenħtieġ li limitu speċifiku tal-UTC jiġi stabbilit għal 1 mg/kg għall-PFOA jew għal kwalunkwe wieħed mill-imlieh tiegħu u għal 10 mg/kg għal kwalunkwe kompost relatat mal-PFOA individwali jew kombinament ta' komposti relatati mal-PFOA f'tali fowms u konċentrati tal-fowm għal perjodu ta' tliet snin. Dak il-perjodu ta' żmien se jagħti biżżejjed żmien lill-operaturi biex jissostitwixxu l-fowms u l-konċentrati tal-fowm li fihom il-PFOA jew kwalunkwe wieħed mill-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA oġhla mil-limiti attwali tal-UTC.
- (6) Meta jitneħħew il-fowms li fihom il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA mis-sistemi tat-tifi tan-nar, xi wħud minn dawn is-sustanzi jistgħu jibqgħu fis-sistema anki wara li tkun tnaddfet u jistgħu jikkontaminaw il-fowms il-ġodda li jiġu installati. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu tal-UTC għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA f'fowms tat-tifi tan-nar mingħajr fluworu installati wara t-tindif tas-sistema tat-tifi tan-nar biex jiġu sostitwiti l-fowms li fihom il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA. Jenħtieġ li dak il-limitu jiġi stabbilit għal 10 mg/kg għas-somma tal-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA.
- (7) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar il-fowms, il-konċentrati jew is-soluzzjonijiet koperti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, tizzied definizzjoni li tiċċara li t-terminu "Fowm tat-tifi tan-nar" ikopri kwalunkwe taħlita tat-tifi tan-nirien bil-fowm

---

perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA (ĠU L 36, p. 7 ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2021/115/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/115/oj)).

<sup>6</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/866 tal-24 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA (ĠU L 113, 28.4.2023, p. 5, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/866/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/866/oj)).

kif ukoll il-konċentrati tal-fowm tat-tifi tan-nar u s-soluzzjonijiet tal-fowm tat-tifi tan-nar għall-produzzjoni tal-fowm”.

- (8) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1021 jipprojbixxi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq, u l-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet, jew f'oġġetti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-oġġetti li fihom il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA u li huma prodotti jew imqiegħda fis-suq skont eżenzjoni stabbilita f'dak l-Anness I ta' dak ir-Regolament u li kienu diġà qed jintużaw fid-data ta' skadenza tal-eżenzjoni rilevanti, jitħallew ikomplu jintużaw wara dik id-data.
- (9) Il-punti 3 u 10 tal-entrata tal-PFOA jistabbilixxu obbligu għall-Kummissjoni biex tirriżamina l-limiti tal-UTC għall-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fir-rigward ta' ċerti apparati mediċi u sustanzi li għandhom jintużaw bħala sustanza intermedja iżolata trasportata. Bħalissa ma hemm l-ebda informazzjoni li tappoġġa bidla f'tali limiti. Meta jitqies li l-Kummissjoni tista' temenda l-entrata tal-PFOA jekk issir disponibbli informazzjoni ġdida, jenħtieġ li jitħassru ż-żewġ klawżoli ta' rieżami.
- (10) L-ewwel kolonna tal-entrata tal-PFOA, taħt il-punt (v), tirreferi għall-“Aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS)”. Peress li l-kliem tal-ewwel kolonna tal-entrata PFOS inbidel għal “Aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS, perfluorooctane sulfonic acid), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOS”, ir-referenza fl-entrata tal-PFOA jenħtieġ li tinbidel kif xieraq

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.5.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*